*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 30 – 16 ta' April 2021**

***Minuti tat-tletin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-16 ta' April, 2021 fil-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' virtwalment fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 30. Il-laqgħa bdiet fl-6:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** Ħadd

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
Kulħadd kien preżenti.

30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Inqraw il-minuti mis-Segretarju Eżekuttiv.

Dwar Triq Giovanni Pullicino, il-Kunsillier David Battistino qal li fil-laqgħa preċedenti, li hu min-naħa tiegħu kien qal li għandha tingħata prijorita lill-bankini u lis-siġar sabiex jitgawdew min-nies u possibilment li t-triq tkun two-way jekk dejjem din tkun tippermetti.
Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa preċedenti fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ssekondata mill-Kunsillier Patrick Bonnici.

Il-Kunsillier George Cortis qal li Ħaż-Żebbuġ qed isiru ħafna toroq u rringrazzja lill-Ministru Ian Borg tax-xogħlijiet li qegħdin jitwettqu. Huwa qal li kien diżappuntat għaliex fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ma seta' jinftiehem xejn minħabba li kulħadd beda jitkellem u xtaq li l-laqgħat ikunu kkontrollati aħjar. Is-Sindku min-naħa tiegħu qal li minħabba li l-Kunsillier George Cortis kien iffirma l-petizzjoni dwar Triq Giovanni Pullicino, huwa stenna li fl-aħħar laqgħa il-Kunsillier George Cortis jagħmel l-intervent tiegħu.

30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Devoluzzjoni

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea nforma lill-Kunsill kienet saret l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni mal-Awtoritajiet għaż-żewġ mezzanini li jinsabu biswit il-Kunsill. Min-naħa tal-Awtoritajiet jidher li mxew b'pass mgħaġġel. Is-Sindku qal ukoll li jidher li l-Pulizija jinsabu nteressati wkoll f'dawn il-proprjetajiet tal-Lands.

Dwar is-sit proprjeta tal-Lands li hemm biswit Triq Emmanuele Cilia, is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal kien mitlub mill-Indis  u mill-Ministeru kkonċernat, stima ta' kemm jiġi jiswa l-proġett li għandu f'moħħu.

Greenwall

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea rringrazzja lill-Kunsilliera Patrick Bonnici u Clive Azzopardi għas-sehem tagħhom sabiex isir *greenwall* fi Triq Sciortino faċċata taċ-ċimiterju.

Triq Mamo

Dwar Triq Mamo, is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li s-servizz tad-drenaġġ mhux ser jinbidel iżda ser jinbidel is-servizz tal-ilma.

Triq Giovanni Pullicino

Dwar Triq Giovanni Pullicino, is-Sindku Dr. Malcolm P . Galea qal li tkellem ma' IM u ma' TM sabiex jara il-possibilita li t-triq tkun two-way , u hekk ħafna mit-traffiku jonqos miċ-ċentru tar-raħal. Huwa qal li ser jinbena boundary wall kif ukoll ġew mitluba li jsiru traffic calming measures. Il-Kunsill intalab jissuġġerixxi pjan wkoll sistema ta' one-way għat-toroq tal-madwar li huma Triq it-12 ta' Mejju, parti minn Triq il-Kbira, Triq il-Mitħna, Triq il-Ħlewwa u Triq il-Kurkanta kif ukoll oħrajn li jistgħu ikunu affetwati.

Dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Giovanni Pullicino issa li ser tingħaqad, il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li milli jista jifhem l-awtoritajiet diġa għandhom il-pjanijiet kollha lesti. Fl-opinjoni tiegħu, il-karreġjati m'humiex wesgħin ħafna u ma jaqbilx li ssir two way. Din it-triq għandha tinfetaħ bis-sens. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill għandu jmur bis-suġġerimenti tiegħu għand l-Awtorita. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi saħaq li għandha ssir promenade

fejn jkunu mħawlin siġar, u hekk ikun hemm medda ta' bankina komda u wiesgħa fejn wieħed iħossu sigur jimxi. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li m'għandhiex tittieħed art agrikola sabiex titwessa t-triq.

Il-Kunsillier Patrick Bonnici qal li r-Rabat saret promenade sabiħa ħafna. Huwa qal ukoll li l-wisa' tal-karreġjati għandha tidjieq minn 3.5 metri għal 3 metri u hekk jintrebaħ metru ieħor.

Il-Kunsillier Philip Edrick Zammit qal li f'każ li jinzertaw żewg karozzi tal-linja jistgħu jinħolqu problemi. Għaldaqstant għandhom isiru arranġamenti sabiex ma jinzertawx iktar minn karozza tal-linja waħda f'din it-triq.

Il-Kunsillier David Battistino qal li għandha tingħata prijorita lin-nies u mhux lill-karozzi biss. It-triq għandha ssir two-way biss jekk wara li ssir bankina xierqa u jsir il-parkeġġ jibqa l-wisa' adegwat.

Il-Kunsillier George Cortis qal li hemm xi biċċa art tal-Gvern man-naħa tal-għelieqi fl-istess triq li tista ssir bil-bankijiet u anke bis-siġar.

Sadanittant il-Kunsillier Steve Zammit ippropona li *' fi Triq Giovanni Pullicino li bħalissa għaddejjin xogħlijiet sabiex tinfetaħ it-triq tiġi direzzjoni one-way sabiex bl-ispazju mirbuħ jinħoloq promenade għall-mixi u tħaddir urban.*

*Il-one way tkun direzzjoni minn Triq il-Mitħna għal Triq Mikielanġ Sapiano. Il-promenade ikun ta' 500 metru tul, u 3 metri wiesa' u fuq in-naħa tar-raba'.*

*Il-promenade iservi ta' kwalita ta' ħajja aħjar għar-residenti taż-żona. Dan ikun proġett ta' valur għal Ħaż-Żebbuġ fejn iġġib bilanċ bejn l-iżvilupp u l-ambjent.'*

Din il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier George Cortis.

Il-Kunsill qabel li din il-mozzjoni għandha tkun diskussa waqt laqgħa oħra. Id-data miftiehma għal din il-laqgħa hija għall-Erbgħa 21 ta' April 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-

Kunsill li kien hemm possibilita li tul dik il-ġimgħa kellhom jinbdew azzjonijiet industrijali ma' dawk li kien diġa hemm għaddejjin.

### 30.4 Tender – Embellishment De Rohan Gate

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li ma kien hemm l-ebda offerta meta nfetaħ dan it-tender. Għaldaqstant dan it-tender għandu jerġa jinħareġ.

### 30.5 Tender – Soft Areas

Wara diskussjoni kien deċiż li fit-tender li ser jinħareġ tas-Soft Areas, it-tisqija tkun inkluża fih.

### 30.6 Soft Area fi Triq il-Mitħna

Is-Sindku Dr Malcolm P. Galea qal li jekk Triq il-Mitħna tkun one-way, ikun hemm aktar spazju li jista jintuża sabiex titkabbar is-soft area u anke l-bankina. Kien hemm qbil sabiex din is-soft area tikber.

### 30.7 Tindif/Tneħħija ta' Wires

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li wires li m'għandhom ebda użu u li qegħdin imwaħħla mal-faċċati tad-djar, għandhom jitneħħew. Is-Sindku qal li għandhom isiru diskussjonijiet mal-Enemalta u l-Maltacom sabiex titmexxa din l-idea.

**30.8 Fanali Vjal il-Ħelsien**

Dwar il-bozoz li hemm mitfija ġewwa Vjal il-Ħelsien is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, qal li L-Works' Manager Robert Tabone kellem lil *light engineer* sabiex naraw x'jista jsir sabiex it-triq tinxtegħel kif suppost.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li meta tkellem mal-Avukat li qed jidher għall-Kunsill, intqal li l-Kunsill qiegħed fit-tajjeb.

**30.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

30.12 Vot tal-Flus

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-vot tal-flus. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li ser jastjeni mill-item propost lil Rockcut li jammonta għal Eur6,596.20 li hija għat-tqaxxir u t-tarmac ta parti żgħira minn Triq il-Buskett, minħabba li ma kien hemmx tlett quotations. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-vot jgħaddi kif mressaq. Hu kien sekondat mill-Viċi Sindku Mark Camilleri.

Il-Kunsilliera David Battistino, George Cortis, Kevin Glynn, Patrick Bonnici qalu li bħall-Kunsillier Steve Zammit Lupi ser jastjenu mid-deċiżjoni li għandu jitħallas dan l-ammont għal dawn ix-xogħlijiet. Għall-bqija tal-vot kien hemm vot unanimu. Il-kumplament tal-Kunsilliera qablu mal-vot kollu. Għaldaqstant il-vot għadda kif preżentat.

30.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-21 ta' April 2021.

**Dr. Malcolm P. Galea** **Paula M. Valletta**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*